# JUSEF IN-NASRI

F'nofs in-naqra ta' raħal ta' Nazaret kien hemm għalqa mdawwra b'ħajt tas-sellieħ. F'nofs il-għalqa kien hemm għorfa, u wara l-għorfa, fetħa kbira fl-art, imdawwra bil-ħaġar. Il-fetħa kienet tagħti għal ġewwa għar, li fih kien jistama' l-ħoss ta' xi ħadd jaħdem. Daqqa' t-twerżiq tas-serrieq, daqqa t-taħbit tal-lexxun fuq xi għuda, u daqqa t-tħarwix tat-timlis u tal-inġara.

Dak il-ħin mit-trejqa li kien hemm fil-għalqa dehret ġejja mara żagħżugħa b'tarbija fuq drieghha, li millgħi għaddiet?" U hi wkoll tbissmitlu, donnha riedet tgħidlu: "Kollox sewwa, si, agħmel xogħlok!"

Ftit wara fil-bieb tal-għorfa deher raġel xiħ, u t-tifel kif rah miel in-naħa tiegħu, fetaħ idejh u qallu: "Baba, baba!" Ix-xiħ ħa lit-tifel f'dirgħajh, rassu ma' sidru u qallu: "Ejja, ħanini; ejja għand il-baba!" U daħal bih fil-għorfa u l-mara ż-żagħżugħa reġgħet minn fejn ġiet.

Ix-xiħ niżel ma' taraġ dejjaq u daħal fil-għar. B'idu l-waħda qala' l-għabaj tas-suf li kien imdandel mal-



**NAŻARET. — Il-Bażilka ta' San Ġużepp, mibnija mill-Franġiskani fuq il-Għar fejn kien jaħdem. Minn barra.**

ħarsa ta' għajnejh kont tintebaħ li hu tifel. Il mara resqet lejn il-fetħa tal-għar u għajtet: "Jusef, Jusef!"

"Hawn!" wieġeb xi ħadd minn hemm taħt.

"Ejja ħudli t-tifel u żommuli ftit, għax ma jridx joqogħdli kwiet dal-għodu, u jien għandi x'nagħmel ħafna!" qalet il-mara. It-tifel, kif qalet hekk ommu, ħares lejha u tbissem, donnu ried ifehemha: "Rajtx kif tieħajt u xeħtu fuq godds inġara, iew ċana. Niżel għar-rkubtejh, dejjem bit-tifel fuq drieghu, firex il-għabaj u qiegħed lit-tifel bil-qegħda fuqu. Ġabar xi erba' biċċiet tal-għewwied mill-art, qegħdhomlu quddiemu u qallu: "Issa l-vavu joqgħod jilgħab hawn, u l-baba jmur jaħdem hemm."

Imbagħad qam. Resaq lejn ħorġa li kienet hemm imdandla wkoll mal-ħajt ħareġ bettieħa u qata' feles min-

nha. Neħħielu l-qoxra u resaq taħ lit-tifel. It-tifel żammu f'idu tax-xellug, u beda jnaqqar minnu, bl-erba' sinniet qosra, tnejn fuq u tnejn taħt, li kellu quddiem, u b'idu l-oħra jilgħab bil-biċċiet tal-għuda. Iqegħedhom ħada xulxin. Jarġa' jneħħihom. Iqegħdhom waħda fuq waħda. Jerfagħhom u jiflihom tajjeb b'għajnejh. Ix-xiħ kien fuq il-bank tax-xogħol, jaħdem u jħares ġewwa waqt lejn it-tifel u jitImbagħad qam u mesaħ bil-komma demgħa li kellu f'għajnejh.

Dak il-ħin stama' leħen minn ġewwa l-fetħa ta' fuq jgħajjatlu: "Għammi Jusef!" Kien Jagħqub, xebb ta' xi ħmistax-il sena, bin ħuh, ġie għall-imgħażaq.

"Hawn aħna," wieġeb Jusef minn hemm taħt.

"Qallek Abuwi (jiġifieri missieri) lesti l-imgħażaq?"



**NAŻARET. — Il-Bażilka ta' San Ġużepp, mibnija mill-Franġiskani fuq il-Għar fejn kien jaħdem. Minn ġewwa.**

bissem. Meta t-tifel kiel il-feles bettieħa u xaba' jilgħab, medd rasu fuq driegħu, fuq l-inġara ratba u tfuħ, u raqad.

Ix-xiħ ħares u rah rieqed. Wiċċu minn imbissem tbiddel u sar mimli bil-qima, u xuftejh bdew jiċċaqalqu donnu qiegħed igħid xi kliem. Resaq qajl qajl lejn it-tifel rieqed. Niżel għar-rkubtejh ma' ġenbu. Baxxa wiċċu mal-art u qal b'leħen kiebi: 'Adonaj! Adonaj!" Ressaq xuftejh ma' saqajn it-tifel u bieshom. Raġa' qiegħed wiċċu mal-art u tniehed: "Adonaj, Adonaj!" u raġa' bies qiegħ saqajn it-tifel għal darba tnejn tlieta.

"Iwa. Inżel ħudhom, trid?" wieġeb Jusef.

Ix-xebb niżel, ħa l-imgħażaq u tkellem ftit ma' Jusef u telaq. Baqa' sejjer mill-ewwel lejn il-għalqa fejn kien jaħdem missieru. Bdew jagħżqu ħarġa minn ħajt sa ħajt fejn kienu sa jiżirgħu l-ġulġlien. Kif kienu ilhom ftit jaħdmu x-xebb qal lil missieru: "Kemm għandu għomor għammi Jusef? Għandu jkun moħħu beda jiħfief! Taf x'kien jagħmel x'ħin mort għandu jien?"

"U m'hux jaħdem kien, tgħid? Jien naf!"

"Le," wieġeb ix-xebb. "Kien għar-

rkubtejh ħada t-tifel tiegħu, Jexwagħ, ibuslu qiegħ saqajh u jgħidlu: 'Adonaj, Adonaj-' Kif, mela min ikun f'għaqlu jagħti qima lil ibnu u jbuslu saqajh u jgħidlu 'Adonaj'?" u Jagħqub qabad jidħak.

"Tidħakx, ibni, tidħakx." wieġbu missieru. Ismagħni x'sa ngħidlek, u kliemi żommu f'moħħok, għax għad tiġi fih. Int għandek ħmistax-il sena; qabel tagħlaq il-ħamsin, int ukoll toqgħod għar-rkubtejk quddiem Jexwagħ u tgħidlu: 'Adonaj, Adonaj'."

* * *

U kemm il-darba lil Jagħqub ġieh quddiem għajnejh il-kliem ta' missieru meta laħaq l-ewwel Isqof ta' Ġerusalem!

FRA ŻARENU, O.F.M.

# IL-ĦANUT TA' SAN ĠUŻEPP

Ġewwa Nazaret, San Ġużepp kellu żewġt idjar. Djar, m'għandniex xi ngħidu, kif kienu d-djar ta' dak iż-żmien u f'dak il-pajjiż: jiġifieri griebeġ; kamra waħda, tas-sejjieħ, tinfed ma' għar. Dar waħda, bgħida mill-oħra xi mitejn pass, u aktarx kienu magħluqa f'għalqa waħda, ta' San Ġużepp ukoll, fejn kien jiżra' xi ħaġa.

F'dar minnhom kienet toqgħod il-familja — il-Madonna, Ġesù Bambin, San Ġużepp u xi żewġ nagħġiet u ħmar — fl-oħra kien iżomm ix-xogħol li kien jaħdem, bħal imħaret u xtabi u għodda oħra tal-fellaħin. Taħt din id-dar, jew ħanut, San Ġużepp kellu għar kbir ġmielu, li kien jaħdem ġewwa fih. Ma kienx għar mudlam, għax kellu żewġ fetħat fis-saqaf, kbar, li jinfdu għal għalqa, li minnhom kienu jidħlu l-arja u d-dawl. Hawn mela, nistħajjluna naslu wasla sa Nazaret, inħarsu lejn ir-raħal, u nżuru żjara bil-għaġla lil dan il-għar.

Nazaret huwa mdawwar bil-għoljiet minn kull imkien, barra naħa waħda. Il-għoljiet ta' ma' dwaru jduru miegħu bħal nagħla. Il-lum hemm il-bini mad-djul tal-għoljiet kollha, imma fiż-żmien li kien igħammar fih San Ġużepp, ma kienx imgħammar ħlief ħanek ta' art għoli, ftit 'il fuq mill-għajn, f'nofs in-nagħla tal-għoljiet li semmejna fuq. Il-Franġiskani, dal-aħħar, dal-ħanek ħaffruh sal-blat, għax sa jibnu hemm knisja ġdida tal-Lunzjata, u l-fdalijiet tal-fuħħar li sabu taħt id-djar u ma' dwarhom, juru li n-nies li kienu jgħammru hemm, kienu foqra għall-aħħar, u jgħixu bis-sħiq u l-lgħiq. Fost dawn il-foqra għoġbu jitrabba Ġesù, u kien joqgħod mal-Madonna, San Ġużepp.

Bħal issa, fuq l-imkien fejn l-Anġlu deher lill-Madonna, ma hemmx knisja, għax dik li kien hemm ħattewha l-Franġiskani biex jibnu knisja akbar, u għadhom ma bdewhiex. Imma l-Għar tal-Lunzjata, billi jinsab taħt l-art, għadu hemm, u fih erba' artali li jqaddsu fihom kulljum. Il-knisja li jsiru fiha l-funzjonijiet, bħal issa, hi dik li hemm fuq il-ħanut ta' San Ġużepp, li hi kbira sewwa, u ġdida, għax mibnija fl-1914. Immorru narawha ftit.

Dil-knisja hi ta' stil Romanesk, kif u d-daqs li kienet, fi żmien is-Salibin, jew Kroċjati; magħmula qisha żewġ knejjes fuq xulxin, knisja fuq u knisja taħt. Ta' fuq għolja u sabiħa, wieqfa fuq l-arki u l-kolonni, u l-art kollha tarħam. Ta' taħt baxxa, imma fiha l-artali u jqaddsu fiha wkoll. Il-Franġis-